**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 30 ta' Mejju, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Carmelo sive Charles Calleja**

**Marion (Mary Ann) Calleja**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Carmelo sive Charles Calleja detentur tal-karta tal-Identita' numru 200654M u

Marion (Mary Ann) Calleja detentrici tal-karta tal-Identita' numru 747054M u akkuzati talli:

1. Fil-kapacita' taghhom personali u/jew ta' diretturi ta' Charvin Press & Co. Ltd u persuni li thaddmu f' Charvin Press, Factory 191, Industrial Estate, Luqa nhar it-28 ta' Gunju, 2012 ghal habta ta' 6:00pm b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl' arti jew fil-professjoni taghhom jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga gravi Brian Desira hekk kif gie ccertifikat minn Dr. M. Spiteri. M.D u dan ai termini tal-Art. 225, 218(1)(a) u (b), 216 u 226 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u x-xhur ta' qabel fl-istess cirkostanzi bhala persuni li thaddmu naqsu milli jharsu is-sahha u s-sigurta tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li setghu jigu affetwati bix-xoghol, li kien qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai terminu tal-artikoli 6(1)(2) tal-att 27/2000 Kap. 424.

3. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu li jizguraw li apparat tax-xoghol espost ghall-kondizzjonijiet li jikkawzaw deterjorament u li seta jwassal ghal sitwazzjonijiet ta' periklu, isirulu spezzjonijiet perjodici u meta kien adatt, testijiet minn persuni kompetenti. Naqsu wkoll li jaraw li jsiru spezzjonijiet specjali minn persuni kompetenti kull darba li sehhu cirkostanzi eccezzjonali li setghu jipperikolaw is-sigurta' tal-apparat tax-xoghol, bhal xoghol ta' modifika, incidenti, fenomeni naturali jew perjodi twal ta' inattivita, sabiex ikun zgurat li jinzammu

kondizzjonijiet tas-sahha u s-sigurta' u li d-deterjorazzjoni tkun tista' tinkixef u tigi rimedjata fil-pront u zzommu r-rizultati ta' dawn l-ispezzjonijiet ghal perjodu minimu ta' sentejn. Dan ai termini ta' art. 5 (2)(a)&(b), (3) ta' A.L. 282/2004 (S.L. 424.30)

4. Akkuzati ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu li jizguraw li meta l-uzu ta' apparat tax-xoghol ikun x' aktarx jinvolvi xi riskju specifiku ghas-sigurta jew is-sahha tal-haddiema, jiehdu l-mizuri mehtiega sabiex jizguraw li fil-kaz ta' tiswijiet, modifikazzjonijiet, manutenzjoni jew servicing, ikunu l-haddiema involuti f' dak ix-xoghol li jigu specifikament imqabbda jaghmlu dak ix-xoghol u dan ai termini ta' artikolu 6(b) ta' A.L. 282/2004 (S.L. 424.30).

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-24 ta' Settembru 2015 (esebita a fol. 404 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 225, 226(1)(a) b' referenza ghall-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 6 u 38 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fir-Regoalmenti 5(2)(3) tal-Avviz Legali 282 tal-2004 (Regolamenti dwar Apparat tax-xoghol (Bzonnijiet Minimi ghas-Sigurta' u s-Sahha - Legislazzjoni Sussidjarja 424.30);
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-5 t' April, 2017 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti kolha esebiti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jikkoncernaw incident li sehh fuq il-post tax-xoghol senjatament fil-fabbrika 'Charvin Press', Fabbrika 191 fil-Qasam Industrijali ta' Hal Luqa fit-28 ta' Gunju 2012 ghall-habta tas-6.00pm fejn Brian Desira, dak iz-zmien impjegat ta' Charvin Press & Co. Ltd[1] wegga' meta kien qieghed jirranga karti go giljottina tal-ghamla Polar 92 u nizlu l-pressa u x-xafra tal-giljottina bil-konsegwenza li l-pressa ghaffgitlu subjagh ta' idu l-leminija u x-xafra qatghatlu idu x-xellugija. Dakinhar li sehh l-incident l-imputati kienu d-diretturi tal-kumpanija Charvin Press & Co. Ltd li kienet topera minn din il-fabbrika.

Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz irrizulta li din il-magna giet akkwistata minn Charvin Press & Co. Ltd madwar ghoxrin sena qabel l-incident u hija ta' ditta Ingliza. Il-giljottina tahdem billi l-ewwel jitpoggew il-karti fiha, bis-sieq tinghafas pedala li tnizzel pressa u zzomm il-karti milli

---

[1] Hekk kif jirrizulta mill-*employment history* esebita mir-rapprezentant tal-Employment and Training Corporation , Joseph Saliba (Dok. JS 1 a fol 27 tal-atti processwali)

jiccaqalqu u wara l-operatur jghafas zewg command switches li jinsabu fuq quddiem tal-magna, wahda fuq il-lemin u l-ohra fuq ix-xellug u spazjati madwar zewg piedi minn xulxin b'idejh it-tnejn u tinzel il-giljottina.

Fl-Inkjesta Magisterjali 32/2012 li saret dwar l-incident de quo gew appuntati l-esperti Mario Buttigieg u Charles Azzopardi u n-nomina taghhom giet debitament konfermata minn din il-Qorti. Fir-rapport kongunt taghhom esebit a fol 185 sa 259 tal-atti processwali jispjegaw li l-magna hi mghammra b'ragg tad-dawl ghall-protezzjoni taz-zona tal-qtugh.  Meta jinghafsu z-zewg command switches f'daqqa, d-dawl jitbaxxa ghall-anqas minn sekonda u b'hekk juri li l-process awtomatiku gie approvat.  Dan ir-ragg ghandu zewg funzjonijiet, l-ewwel wahda li juri li l-process tal-funzjoni tieghu gie approvat u t-tieni funzjoni, li hi aktar importanti hi li jekk xi oggett jaqta r-ragg jew jigi biswit tieghu, il-process tal-qtugh fejn tinzel il-giljottina jieqaf minnufih.  Waqt l-inkjesta meta l-esperti ghamlu l-ezami tal-magna r-ragg kien jixghel izda l-funzjoni tieghu ma kienetx qed tahdem bil-konsegwenza li meta gie mblukkat id-dawl tar-ragg, ix-xafra ma waqfitx. Gie nnutat li l-cables u l-wiring tal-magna kienu ghaddejin b'mod temporanju b'tali mod li jifformaw circuit biex tinzel il-giljottina. Dan sar ghaliex madwar tlett gimghat qabel l-incident il-giljottina bdiet tieqaf fin-nofs.  Gie konstatat ukoll li l-magna kienet qed tahdem b'low insulation resistance, il-main switch tat-three phase kien mohbi taht oggetti ohra u kellu nformazzjoni nieqsa, ma kienx hemm emergency switch (mushroom type) bhala parti mill-istandard elettrici, il-light barrier inkorporata bhala interlock protection guard ma saritx, it-tiswijiet u l-modifikazzjonijiet fuq il-magna qatt ma gew dokumentati u mnizzla fir-rekords jew fuq xi disinn, it-taghmir imwahhal mal-magna – il-main contactor u l-operating key switch kellhom bzonn overhaul, il-power

supply ma kienitx insallata b'mod permanenti, il-plastic trunking u l-wiring li kien jinsab taht il-mejda fuq quddiem kellu bzonn arrangamenti u overhaul immedjat, il-wires kienu ttejpjati, mqaxxrin u mhux fil-connectors u fil-cable trunking, mal-art kien hemm hydraulic oil u ma kienx jinzamm log book ta' kuljum dwar il-hsarat u t-tiswija kif ukoll l-unika risk assessment li kien hemm kien wiehed antik. L-esperti teknici kkonkludew li jekk il-magna tkompli tintuza fl-istat li kienet waqt l-accessi li saru fl-2012 wara l-incident kienet ta' riskju gholi ta' korriment lil min juzaha. Bil-modifiki fic-circuit li saru l-giljottina giet tahdem biss b'mod manwali mill-command switches. Dawn l-iswitches huma tant il-boghod minn xulxin illi bilfors wiehed irid juza z-zewgt idejn biex joperahom. L-esperti hadmu l-magna madwar ghoxrin darba u l-magna ma falliet qatt ghalhekk l-esperti ma setghux jispjegaw b'certezza kif il-giljottina nizlet waheda izda kkumentaw li kien hemm possibilita li sehh intermittent fault ta' darba fil-hydraulic system jew fil-control switches circuit li gieghel il-giljottina tinzel izda dan ma jistax jigi pruvat. Minkejja din il-konstatazzjoni affermaw li l-light barrier tal-magna ma kienx qed jiffunzjona biex iwaqqaf il-process tal-qtugh u b'hekk sar l-incident.

Illi fl-udjenza tal-5 ta' April 2017, l-espert Charles Azzopardi zied jghid (a fol 429 tal-atti processwali) li r-raguni li x-xafra nizlet setghet kienet ghaliex l-insulation nizlet aktar milli sabha l-espert meta ezamina l-magna. Dan ikun ibbazat fuq fatturi relatati mal-umdita u c-cirkostanzi tal-ambjent fejn tkun il-magna. Spjega li l-photo electric circuit cjoe s-circuit tar-ragg tad-dawl jahdem fuq circuit separat u jiehu kontroll fuq is-circuit tal-command switches li jnizzel il-giljottina u din is-sistema topera dejjem b'dan il-mod u mhux biss meta jinghafsu l-command switches (a fol 434 tal-atti processwali). Fil-kaz odjern l-espert ikkonkluda li s-circuit

tar-ragg tad-dawl kien mejjet. L-espert Mario Buttigieg (a fol 459 tal-atti processwali) zied li kieku l-magna hadmet kif suppost, il-giljottina ma kienet tinzel ghall-ebda raguni.

Illi fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2015 (a fol 328 sa 343 tal-atti processwali) Christopher Pace xehed li huwa kien gie imqabbad minn Charvin Press & Co. Ltd jaghmel ix-xoghol relatat mal-elettronika tal-makkinarju. Wara l-incident kien mar il-fabbrika u meta ra l-magna innota li kienu saru alterazzjonijiet fil-command switches li jnizzlu l-giljottina. Dawn l-alterazzjonijiet saru mill-imputat Carmelo Calleja ghaliex il-magna ma bdietx tahdem sew u x-xhud ma setghax imur il-fabbrika jirrangaha. Ix-xhud qal li kien issuggerixxa lill-imputat Carmelo Calleja jaghti supply dirett lis-solenoid u jekk tinzel il-giljottina, il-hydraulic ikun qed jahdem. Spjega li meta l-giljottina tinghata supply diretta din tinzel minghajr safety features. Wara l-incident mertu ta' dan il-kaz ix-xhud gie mqabbad jinstalla s-safety features fuq il-magna u jaghmel is-sensors.

Illi fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2018 l-imputat Carmelo sive Charles Calleja xehed (a fol 431 sa 500 al-atti processwali) li dakinhar tal-incident huwa hadem kwazi gurnata shiha fuq il-giljottina mertu tal-kaz u din hadmet tajjeb. Huwa spjega inoltre li kien hem okkazzjonijiet fejn il-magna kienet thabbathom u meta l-problemi kienu jkunu t-transistors kien icempel lit-technician Christopher Pace. Madwar sitt xhur qabel l-incident il-board tal-magna ma bdietx tahdem sew, giet imbiddla u tlieta jew erba' xhur wara li giet installata board gdida il-giljottina regghat ma bdietx tahdem. L-imputat jghid li huwa ghalhekk deherlu li l-magna kellha tinqaleb sabiex tithaddem b'mod manwali ghaliex hekk l-electronics ma setghux ifallu. L-

imputat jghid li gie stallat circuit gdid u l-laser ma kienx qed jahdem u huwa ghalhekk informa lill-impjegati li juzaw il-magna dwar dan. Dejjem skond l-imputat huwa ftiehem ma' Christopher Pace li l-magna tithalla minghajr lasers ghal tlieta jew erba' gimghat u jekk kollox imur tajjeb jinxtraw sensors godda. Spjega li l-magna harget minghajr laser beams u l-laser kien optional u esebixxa korrispondenza li tikkonferma dan (a fol 501 sa 503 tal-atti processwali). Fir-rigward ta' maintenance, l-imputat sostna li kull nhar ta' Tnejn kien jigi ccekjat iz-zejt u perjodikament tinbidel ix-xafra sabiex tkun issinn. Kull meta kien ikun hemm fault, it-technician Christopher Pace kien jibghat invoice li kien ikun fiha x'sar fuq il-magna u dan kien jinzamm bhala records.

Fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2017 l-imputata Marion sive Mary Ann Calleja ddikjarat (a fol 465 sa 474 tal-atti processwali) li hija ghandha 1% shareholding fil-kumpanija. Il-kumpanija titmexxa mir-ragel taghha, l-imputat Carmelo Calleja u hija toqghod id-dar u l-istamperija ma tmurx. L-involviment taghha kien li tiehu hsieb it-termini amministrattivi mal-awtoritajiet bhal MFSA u l-VAT u kienet titkellem mar-ragel taghha dwar il-fabbrika biss meta kien ser ikun hemm spiza kbira jew tinxtara jew tinbidel xi magna u ma kienetx taf li laser tal-magna li biha wegga Brian Desira ma kienx qed jahdem.

Ikkunsidrat:

**Stqarrija mhux fil-presenza ta' avukat**

Illi d-Difiza ssollevat l-inammissibilita tal-istqarrijiet li saru mill-imputat Carmelo Calleja fil-mori tal-inkjesta mal-periti teknici stante li ttiehdu fin-nuqqas ta’ prezenza ta’ avukat. In vista tas-sentenzi[2] li kristallizaw din il-materja l-Qorti sejra tiskarta l-istqarrijiet li ghamel l-imputat mal-esperti teknici fil-mori tal-inkjesta.

Ikkunsidrat:

L-imputati gew imharrka fil-kapacita personali taghhom kif ukoll bhala diretturi ta’ Charvin Press & Co. Ltd. Mill-employment history ta’ Brian Desira (a fol 27 tal-atti processwali) jirrizulta li huwa kien impjegat ma’ Charvin Press Ltd u mhux mal-imputati f’isimhom proprio inoltre jirrizulta li l-fabbrika fejn sehh l-incident kienet il-fabbrika minn fejn topera Charvin Press & Co. Ltd, li taghha z-zewg imputati huma diretturi (a fol 104 tal-atti processwali). Ghalhekk l-imputazzjonijiet fil-kapacita personali tal-imputati ma jistghux jirrizultaw u dak li ser jinghad huwa fir-rigward tal-imputati fil-kapacita’ taghhom ta’ diretturi ta’ Charvin Press & Co. Ltd.

Illi sabiex jirrizulta r-reat ta’ feriti gravi nvolontarji taht l-Art. 225 u 226 tal-Kodici Kriminali hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f’nuqqas ta’ hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta’ hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta’ osservanza ta’ ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwita b’ness ta’ kawzalita’ minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti,

[2] Ara Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) *vs* Aldo Pistella deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta’ Dicembru 2018 u Il-Pulizija (Spettur Ian Joseph Abdilla) *vs* Omissis et deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta’ Frar 2019

ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik tal-*bonus pater familias*.

Huwa stabbilit li f' socjeta' moderna jezistu regolamenti li min ihaddem f' kull lant tax-xoghol ghandu l-obbligu li jipprovdi post sigur tax-xoghol u cioe' li jipprovdi makkinarju li jiffunzjona sew u li jinkorpora security u safety features li jimminimizzaw kemm jista' jkun il-possibilita' li haddiem iwegga' waqt li jkun qed juza tali makkinarju u li jzomm tali makkinarju f' kundizzjoni tajba u dan sabiex ma jinholqux perikoli inutili ghall-haddiema. Huwa ghal din ir-raguni li jezistu regolamenti li jipprovdu li ghandhom isiru risk assessments tal-post tax-xoghol u maintenance regolari tal-makkinarju fuq bazi regolari minn min ihaddem.

Illi f'sentenza Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali fil 31 ta' Luljlu 1998, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali spjegat:

> Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."

Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'.

Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta' kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem il-nota saljenti f'kull forma kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta' imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta' reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta' osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali."

Illi fil-kaz odjern id-Difiza tikkontendi li ma giex pruvat li kien hemm kondotta volontarja negligenti da parti tal-imputati u tghiid li dan jirrizulta mill-fatt li l-imputati dejjem zammew record tal-hsarat li kellha l-magna kif ukoll li dakinhar tal-incident il-magna kienet qed topera tajjeb. Dan huwa sostanzjat ukoll mill-ghadd ta' tentattivi li ghamlu l-esperti teknici appuntati fl-inkjesta li fit-tentattivi kollha li ghamlu l-magna hadmet tajjeb

u ghalhekk ma setghux jaslu ghall-konkluzjoni ta' x'wassal li x-xafra nizlet wahedha.

Minn naha l-ohra l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li fil-fabbrika minn fejn kienet qed topera s-socjeta Charvin Press & Co. Ltd kien hemm numru ta' nuqqasijiet konsistenti fl-operat tal-magna b'low insulation resistance, il-main switch tat-three phase kien mohbi taht oggetti ohra u kellu nformazzjoni nieqsa, ma kienx hemm emergency switch (mushroom type) bhala parti mill-istandard elettrici, il-light barrier inkorporata bhala interlock protection bhala guard ma saritx, it-tiswijiet u l-modifikazzjonijiet fuq il-magna qatt ma gew dokumentati u mnizzla fir-rekords jew emendati fuq xi disinn, it-taghmir mwahhal mal-magna – il-main contactor u l-operating key switch kellhom bzonn overhaul, il-power supply ma kientx installata b'mod permanenti, il-plastic trunking u l-wiring li kien jinsab taht il-mejda fuq quddiem kellu bzonn arrangamenti u overhaul immedjat, il-wires kienu ttejpjati u mqaxxrin u mhux fil-connectors u fil-cable trunking, mal-art kien hemm hydraulic oil u ma kienx jinzamm log book ta' kuljum dwar il-hsarat u t-tiswija. Minkejja li l-espert ma setghux jaslu ghar-raguni li wassal li x-xafra tinzel wahedha kkonstataw li l-giljottina li kien qed jahdem fuqha Brian Desira saru alterazzjonijiet fiha fejn tnaqqas is-safety feature tal-photo electric circuit jew ahjar dak il-mekkanizmu ta' dawl li jiehu fuq l-operat tal-magna li jwaqqaf ix-xafra hekk kif xi oggett jidhol fir-ragg. B'hekk dan is-safety feature gie mejjet. Fid-dawl tal-fatt li (i) biex tinzel ix-xafra kellhom jinghafsu z-zewg command switches kontemporanjament (ii) Brian Desira kellu idejh it-tnejn gol-magna (iii) li kieku l-photo electric circuit kien qed jahdem kif suppost u kien jiehu fuq is-sistema tal-magna u jwaqqaf ix-xafra, l-incident ma kienx isehh. Minflok is-safety feature giet by

passed sabiex ix-xoghol jibqa ghaddej u thalliet minghajr is-safety feature madwar tlett gimghat. Inoltre l-fatt li magna kienet giet prodotta minghajr safety feature aktar minn ghoxrin sena ilu ma jnaqqasx mir-responsabbilita tal-imputati ghaliex il-magna mertu tal-incident kellha dan is-safety feature izda gie rez mhux funzjonabbli biex ix-xoghol jibqa ghaddej.

Illi din il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipporva sal-grad rikjest mill-ligi li kien hem kondotta kolpuza da parti ta’ min kien jimpjega lil Brian Desira u li ghslhekk tirriizulta r-rejita’ taht L-Artioli 225 u 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x’mizuri ghandhom jittiehdu sbiex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta’ prevenzjoni. Fost dawn insibu:- li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta’ perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta’ dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; l-kontroll mill-bidu ta’ dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b’dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz. Fil-fehma tal-Qorti l-imputati bhala diretturi tal-kumpanija naqsu milli jiehdu dawk il-mizuri necessarji sabiex jigi evitat l-incident hekk kif jirrizulta min-numru ta’ nuqqasijiet li kkonstataw il-periti kemm fuq il-magna kif ukoll fl-ambjent fejn kien qed jopera Brian Desira. Dan japplika wkoll fir-rigward tat-testijiet perjodici fuq il-magna fejn irrizulta li dawn ma kienux isiru u li kien isir kien biss xoghol ta’ tiswija meta l-eletronics tal-magna ma kienux qeghdin jahdmu jew jahdmu sew

minn Christopher Pace tant li hekk kif xehed l-istess Christopher Pace kien imur "ghal kazijiet ta' bilfors" (a fol 329 tal-atti processwali).

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li tirrizulta r-rejita' ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputati. Jonqos biss li l-Qorti titratta s-sottomissjoni tad-Difiza li ssostni li l-imputata Marion sive Mary Ann Calleja kienet biss direttur fuq il-karta u ghandha tigi ezonorata minn kwalunkwe redsponsabilita' in linea mal-Att Dwar l-Interpretazzjoni. L-Artikolu 13 ta' dan l-Att jitkellem dwar reati li jsir minn ghaqda ta' persuni inkluz persuna guridika u jipprovdi li kull persuna li fil-hin tal-ghemil tar-reat kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor tal-korp jew ghaqda jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga tkun hatja ta' dan ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun (i) sar minghajr taghrif taghha u (ii) li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-ghemil tar-reat tkun hatja ta' dak ir-reat. Fil-fehma tal-Qorti l-imputata setghat biss tibbenefika mill-iskuzanti prevista taht dan l-artikolu billi turi li hi mxiet bid-diligenza u ssorveljat dak li kienet qieghed jigri fil-kumpanija – haga li ma kienetx taghmel tant li hija rari kienet tmur lejn il-fabbrika u kienet thalli kollox f'idejn ir-ragel taghha ghajr ghal meta l-kumpanija kienet ser tinkorri spejjez kbar ta' apparat u termini mposti mill-awtoritajiet.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputati ghandhom fedina penali nadifa u kkunsidrat ukoll il-fatt li fil-mori ta' dawn il-proceduri permezz ta' nota prezentata fl-14 ta' Dicembru 2015 il-parti civili rrinunzja ghal dak kollu li huwa rinuzjabbli fil-konfronti taz-zewg imputati stante li

huwa thallas ghad-danni minnu sofferti. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja izda biss piena pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 216, 218, 225, 226 (1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 6 u 38 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regoalmenti 5(2)(3) u 6 tal-Avviz Legali 282 tal-2004 (S.L. 424.30) l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) kull wiehed.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti jħallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn u sbatax -il ewro u hamsa u sebghin –il centezmu (€2017.75[3]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[3] Rapport ta' Dr. Mario Scerri pgs 165-183 €286.43, rapport ta' Dr. Mario Buttigieg pgs 185-243 €1056.95, rapport ta' Charles Azzopardi pgs 185-243 €674.37